MALTESE

Australian Government
Department of Health

# Miżuri biex jissapportjaw persuni akbar fl-età li huma Kulturalment u Lingwistikament Diversi

## Gwida għall-konsumaturi

*Il-persuni kollha akbar fl-età jesperjenzaw sistema ta' kura tal-anzjani ta' kwalità għolja li tiżgura aċċess u riżultati u tħaddan il-karatteristiċi u l-esperjenzi tal-ħajja diversi tagħhom.*





**Is-Sotto-Grupp tad-Diversità tal-Kumitat tas-Settur tal-Kura tal-Anzjani**
Frar 2019

Miżuri biex jissapportjaw persuni akbar fl-età li huma Kulturalment u Lingwistikament Diversi
Frar 2019

Numru tal-Pubblikazzjonijiet: 12164

Liċenzja tal-Komuni Kreattiva –
Attribuzzjoni – Mhux Kummerċjali – L-Ebda Derivattiva CC BY-NC-ND

© 2019 Commonwealth tal-Awstralja hekk kif inhu rrappreżentat mid-Dipartiment tas-Saħħa

Din il-pubblikazzjoni hi lliċenzjata skont l-Attributazzjoni Komuni Kreattiva-Mhux Kummerċjali-L-Ebda Derivattiva 4.0 Liċenzja Pubblika Internazzjonali ("Liċenzja") jista' jinkiseb minn:

creativecommons.org/licenses/by-nc-nd/4.0/legalcode.

Int trid taqra u tifhem din il-Liċenzja qabel ma tuża u taqsam ma' ħaddieħor din il-pubblikazzjoni.

**Qsim ma' Ħaddieħor**

Mingħajr limitar tal-obbligazzjoni tiegħek skont il-Liċenzja, int tista' taqsam ma' ħaddieħor u tara li din il-pubblikazzjoni tista' tinkiseb mill-membri tal-pubbliku f'kwalunkwe medjum jew format, imma jekk biss:

- int taqsam ma' ħaddieħor jew tara li din il-pubblikazzjoni tkun tista' tinkiseb pubblikament b'xejn u ma tużahiex għall-użu kummerċjali;
- int taqsam ma' ħaddieħor jew tara li din il-pubblikazzjoni tkun tista' tinkiseb pubblikament "HEKK KIF INHI" u ma talterahiex, ma tibdilhiex, ma timmodifikahiex, ma temendahiex jew l-anqas terġa' tirranġa l-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni b'kwalunkwe mod;
- int ma tneħħix dan l-avviż tad-dritt tal-awtur li jinsab f'din il-pubblikazzjoni; u
- u ma tissuġerixxix li d-Dipartiment tas-Saħħa japprovak, jew tuża din il-pubblikazzjoni bħala mezz biex tippromwovi l-prodotti u s-servizzi tiegħek.

**Restrizzjonijiet**

Il-Liċenzja għandha mnejn ma tagħtikx il-permessi kollha meħtieġa għall-użu maħsub tiegħek. Pereżempju, drittijiet oħra (bħal ngħidu aħna l-pubbliċità, privatezza u drittijiet morali) jistgħu jillimitaw kif int tuża l-materjal f'din il-pubblikazzjoni.

**Mistoqsijiet**

Mistoqsijiet dwar kwalunkwe użu ieħor ta' din il-pubblikazzjoni għandhom jintbagħtu lil Branch Manager, Communication Branch, Department of Health, GPO Box 9848, Canberra ACT 2601, jew permezz tal-imejl lil copyright@health.gov.au

# X'qed jistennew konsumaturi Kulturalment u Lingwistikament Diversi mill-provvedituri tal-kura tal-anzjani?

Kulħadd fl-Awstralja għandu d-dritt għall-aċċess ta' servizzi tal-kura tal-anzjani ta' kwalità, inklussivi u kulturalment bla periklu li jipprovdu għall-bżonnijiet individwali tagħhom u jirrispettaw l-isfond u l-esperjenzi tal-ħajja tagħhom.

Il-Gvern Awstraljan ippubblika Qafas tad-Diversità tal-Kura tal-Anzjani u serje ta' pjanijiet ta' azzjoni biex jgħinu lis-settur tal-kura tal-anzjani biex jieħdu ħsieb aħjar tal-karatteristiċi u l-esperjenzi tal-ħajja diversi tal-Awstraljani akbar fl-età. Il-Qafas u l-pjanijiet tal-azzjoni kienu żviluppati wara konsultazzjonijiet komunitarji estensivi.

Dan id-dokument jinkludi l-vuċi tal-persuni minn sfondi Kulturalment u Lingwistikament Divers (CALD) espressi permezz ta' dawk il-konsultazzjonijiet. L-għan hu biex jgħin lill-persuni minn sfondi CALD jesprimu l-bżonnijiet tagħhom meta jitkellmu ma' provvedituri tal-kura tal-anzjani u bħala riżors biex jissapportjaw persuni li qed jaħdmu fil-kura tal-anzjani jifhmu l-perspettivi tal-persuni CALD.

## Riżultati għall-Konsumaturi 1: Jagħmlu għażliet informati

***Int suppost ikollok*** tagħrif faċilment aċċessibbli dwar is-sistema u s-servizzi tal-kura tal-anzjani li int tifhem u ssibha ta' għajnuna biex teżerċita l-għażla u l-kontroll fuq il-kura li qed tirċievi.

**Int tista' titlob lill-Provveditur biex**

- Jagħtik tagħrif sempliċi, li tifhmu dwar il-kura tiegħek, maqlub fil-lingwa preferita tiegħek meta jkun meħtieġ
- Jagħtik Politika tal-Użu tas-Servizzi tal-Interpretu li tispjega meta int tkun intitolat għall-interpretu, kif tikseb interpretu u jgħinek tikseb l-għajnuna bla ħlas tal-interpretu meta jista' jinkiseb
- Juri sinjali fil-faċilitajiet tal-kura tal-anzjani fil-lingwa tiegħek biex jgħinek issib fejn għandek tmur fid-dar tiegħek il-ġdida
- Jikkonsulta miegħek, mal-kerers u/jew il-membri tal-familja tiegħek dwar l-iddisinjar tal-formoli u r-riżorsi tat-tagħrif biex ikun żgur li huma sempliċi u ċari.
- Jgħinek tikkuntattja organizzazzjonijiet komunitarji lokali li jistgħu jipprovdu sapport, tagħrif u xi persuna li tista' tissapportjak (avukatura).

*Ftakar:*

Jekk tgħid lill-provvedituri x'taħseb dwar it-tagħrif li jagħtu, huma jistgħu jagħmlu titjib. (Pereżempju, dan it-tagħrif hu ċar u faċli tifhmu? Jgħidlek dak kollu li int trid tkun taf?)

## Riżultati għall-Konsumatur 2: L-Adottar ta' approċċi sistematiċi għall-ippjanar u l-implimentazzjoni

***Il-provveditur għandu** jgħinek* tkun sieħeb/sieħba attiv/a fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tas-sistema tal-kura tal-anzjani biex tissodisfa l-bżonnijiet tiegħek.

### Int tista' titlob lill-Provveditur biex

- Jara li jinkludi l-bżonnijiet kulturali, lingwistiċi, spiritwali, reliġjużi u soċjali tiegħek fil-pjan tal-kura tiegħek
- Jgħinek tipprovdi kummenti u lmenti dwar il-kura li qed tirċievi u jispjegalek kif huma użaw il-kummenti biex itejbu l-kura li qed jipprovdulek
- Jissapportjawk biex ikollok entità jew persuna ta' sapport li tista' tafdaha matul il-proċess tal-assessjament jew proċessi oħra tat-teħid tad-deċiżjonijiet
- Juża għodda tal-assessjar li jissodisfaw u jieħdu nkonsiderazzjoni tal-isfond kulturali u lingwistiku tiegħek
- Jaqsmu ma' ħaddieħor il-pjan tagħhom tal-istrateġija, tal-politika tad-diversità u tar-riżorsi oħra wżati mill-istaff biex jgħinuhom fil-provvediment ta' kura kulturalment xierqa
- Jaqsmu ma' ħaddieħor tagħrif kif il-maniġers fl-organizzazzjoni jinżammu responsabbli biex jiżguraw li qed tingħata kura xierqa kulturalment, pereżempju,
- Staqsihom jispjegawlek kif ikejlu u jistgħu jgħidu jekk il-kura u s-servizzi tagħhom jissodisfawx il-bżonnijiet tal-persuni minn kulturi differenti jew li jitkellmu lingwi oħra.

***Ftakar:***

Jekk tgħid lill-provvedituri x'għandek bżonn u tagħmel suġġerimenti dwar il-kura li trid, huma jistgħu jagħmlu titjib.

## Riżultati għall-Konsumaturi 3: Kura u sapport aċċessibbli

Tgħix fejn tgħix – l-Awstralja rurali, remota, reġjonali u metropolitana – ***int suppost ikollok*** aċċess għas-servizzi u sapporti tal-kura tal-anzjani li jgħoddu għall-karatteristiċi u l-esperjenzi tal-ħajja diversa tiegħek.

**Int tista' titlob lill-Provveditur biex**

- Jagħtik tagħrif speċifiku u ċar dwar is-servizzi kulturali u lingwistiċi offruti mis-servizz u kif ser tipprovdi kura li tieħu nkonsiderazzjoni l-bżonnijiet kulturali u lingwistiċi tiegħek
- Jqabbdek ma' navigaturi tas-sistema jew persuni oħra li jissapportjawk biex jgħinuk taċċessja l- assessjar u servizzi oħra
- Jagħtik tagħrif dwar is-servizzi tagħhom fil-lingwa preferita tiegħek
- Jgħinek tikseb kura jew servizzi speċjalizzati minn barra meta ma tkunx tista' tipprovdi dawn is-servizzi speċifiċi
- Iqabbdek ma' membri tal-familja, ħbieb u l-komunità li joqogħdu 'l bogħod, inkluż barra l-Awstralja, permezz tat-teknoloġiji u mezzi oħra bħal pereżempju, Skype, Facetime eċċ
- Jgħinek iżżomm kuntatt mal-komunità lokali tiegħek barra minn darek jew barra mill-faċilità tal-kura tal-anzjani.

*Ftakar:*

Tgħix fejn tgħix, jekk tgħid lill-awtoritajiet jew lill-provvedituri dwar kwalunkwe problema li kellek meta kont qed tipprova issib tagħrif dwar u tuża s-servizzi tal-kura tal-anzjani, huma jistgħu jagħmlu titjib.

## Riżultat għall-Konsumaturi 4: Sistema tal-kura tal-anzjani proattiva u flessibbli

***Int suppost għandek tesperjenza*** sistema ta' kura tal-anzjani proattiva u flessibbli li twieġeb għall-ħtiġijiet tal-Awstraljani kollha inklużi komunitajiet ġodda u emerġenti, inkluż ħaddiema aktar diversi fis-settur tal-kura tal-anzjani.

### Int tista' titlob lill-Provveditur tiegħek biex

- Jispjegalek fil-qosor kif jikkonsultaw mal-konsumaturi u jużaw it-tagħrif li jirċievu biex jiżguraw li s-servizzi huma aċċessibbli u kulturalment xierqa
- Jaqsmu miegħek kif jagħmlu l-affarijiet rigward is-sigurezza kulturali jew ta' kontra d-diskriminazzjoni – biex jaraw li l-istaff u persuni oħra ma jiddiskriminawx kontra persuni minn kulturi differenti u jew li jitkellmu lingwi differenti
- Jagħtuk tagħrif dwar il-ħiliet kulturali u lingwistiċi tal-istaff li jieħdu ħsiebek
- Jaqsmu miegħek tagħrif dwar kif jingaġġaw, jinċentivaw u jżommu staff bil-ħiliet meħtieġa biex jipprovdu kura kulturalment u lingwistikament xierqa
- Jagħtuk tagħrif dwar it-taħriġ mogħti lill-istaff dwar kompetenzi kulturali u komunikazzjoni effettiva
- Jħaddmu staff bilingwali u bikulturali li kapaċi jagħtuk kura li tissodisfa l-bżonnijiet kulturali tiegħek u/jew jużaw il-lingwa preferuta tiegħek.

*Ftakar:*

Jekk tgħid lill-provvedituri x'taħseb dwar kif jipprovdu s-servizzi lill-persuni minn kulturi differenti jew li jitkellmu lingwi oħra, u jekk tgħidilhom meta xi ħtiġijiet tiegħek ma jkunux issodisfatti, huma jistgħu jagħmlu titjib.

## Riżultat għall-Konsamaturi 5: Servizzi rispettużi u inklussivi

***Int għandek tesperjenza*** servizzi li jissodisfaw effetivament il-bżonnijiet tiegħek, il-karatteristiċi u l-esperjenzi tal-ħajja tiegħek u ta' dawk tal-familja tiegħek u tal-kerers tiegħek b'mod rispettuż u inklussiv

### Int tista' titlob lill-Provveditur biex

- Jipprovdi opportunitajiet biex int tikkonettja mal-kultura u l-lingwa tiegħek permezz ta':
  - Li jkun hemm librerija ta' kotba, magazines u materjal ieħor fil-lingwa preferita tiegħek
  - L-użu tas-servizz Tal-Lingwa tal-SBS, ir-radju tal-SBS u kanali tat-televixin, You Tube u kanali tat-televixin bis-satellita u films bl-lingwi differenti
  - Joffru bukkuni kulturalment xierqa
  - Il-provvediment ta' xogħlijiet tal-arti, kartelluni u oġġetti oħra li jirriflettu l-preferenzi tiegħek
  - Jagħmluha faċli għalik li tieħu sehem f'avvenimenti u gruppi soċjali tal-komunità lokali li jgħoddu għalik aktar u aktar jekk int diġà tattendi l-attivitajiet tagħhom
  - Ifittxu voluntiera bilingwali, pereżempju permezz tal-Iskema tal-Viżitaturi Komunitarji jew gruppi tal-komunità lokali, li jistgħu jżuruk u jkellmuk bil-lingwa preferita tiegħek
- Jgħinuk issir attiv/a fir-reliġjon tiegħek kif tagħżel int
- Jagħtuk u jispjegawlek id-drittijiet tiegħek skont iċ-Ċarter tad-Drittijiet u tar-Responsibilitajiet ta' Dawk li Jirċievu l-Kura
- Jorganizzaw attivitajiet li jiċċelebraw festi kulturali jew reliġjużi jew dati importanti li jgħoddu għalik.

***Ftakar:***

Jekk int tgħid lill-provvedituri x'taħseb dwar kif is-servizzi jirrispettaw u jinkludu l-bżonnijiet tal-persuni minn kulturi differenti jew li jitkellmu lingwi oħra, huma jistgħu jagħmlu titjib. Hu importanti wkoll li l-membri kollha tal-istaff u persuni li jużaw is-servizzi jirrispettaw l-kulturi u r-reliġjonijiet ta' xulxin.

## Riżultat għall-Konsumaturi 6: L-Issodisfar tal-bżonnijiet ta' dawk li huma l-aktar vulnerabbli

***Int suppost tesperjenza*** servizzi u sapport tal-kura tal-anzjani li huma ta' kwalità għolja u kulturalment mingħajr periklu li jissodisfaw l-bżonnijiet tiegħek huma x'inhuma l-vulnerabilitajiet personali, soċjali jew ekonomiċi tiegħek

### Int tista' tistaqsi lill-Provveditur biex

- Jgħinek u jissapportjak tifhem u tqis l-għażliet tiegħek dwar il-kura paljattiva – kif ukoll tikseb sapport, servizzi jew kura addizzjonali biex jgħinuk rigward xi esperjenzi trawmatiċi jew diffiċli li seta' kellek
- Jgħinek tqis u tippjana l-kura ta' tmiem ta' ħajtek u arranġamenti tal-funeral li jirrispettaw ix-xewqat kulturali, spiritwali u reliġjużi tiegħek
- Jagħtik tagħrif dwar l-abbuż tal-anzjani, maqlub fil-lingwa tiegħek u kif tikseb sapport jekk int qed tiffaċċja dan
- Jagħtik aċċess għas-servizzi psikoloġiċi u kura u sapport addizzjonali biex jgħinek timmaniġġja l-effett tal-perjodi trawmatiċi jew diffiċli li seta' kellek matul ħajtek.

*Ftakar:*

Jekk tgħid lill-provvedituri dwar kwalunkwe diffikultajiet personali jew oħrajn li jista' jkollok, huma jistgħu jagħtuk għajnuna u servizzi aħjar.

It-tagħrif kollu f'din il-pubblikazzjoni hu korrett fi Frar 2019

12164 Frar 2019